MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 86/2008/1

**Lawrence Bordieri u martu Mary Bordieri ghan-nom taghhom kif ukoll ghan-nom ta' binhom minuri Jeremy, u Amanda Bordieri oht id-*decujus* fil-kwalita` taghhom bhala eredi legittimi tal-mejjet Gareth Bordieri**

**v.**

**Anne Marie Aquilina, xebba; Id-Direttur tar-Registru Pubbliku; u l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-1 ta' April 2008, gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri "Aiden" li l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru**

**progressiv 2233/07, u b'digriet tat-2 ta' Dicembru 2008 dawn il-kuraturi deputati gew estromessi mill-kawza wara li giet nominata l-istess Anne Marie Aquilina bhala kuratrici *ad litem* sabiex tirraprezenta lill-minuri "Aiden" fil-kawza odjerna**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi, pprezentat fit-3 ta' Marzu 2008, li jaqra hekk:
"Illi r-rikorrenti huma, fil-kaz ta' Lawrence u Mary konjugi Bordieri l-genituri tal-mejjet Gareth Bordieri imma fil-kaz ta' Amanda u Jeremy, dawn jigu hut l-istess Gareth Bordieri li miet tragikament fl-24 ta' Gunju 2007 u dan skond l-Att tal-Mewt bin-numru ta' iskrizzjoni 1741/2007: Dok 'A';

"Illi l-istess Gareth Bordieri qabel ma miet, kellu relazzjonijiet intimi ma' l-intimata Anne Marie Aquilina, li tigi omm il-minuri li twieled fid-19 ta' Lulju, 2007 u dan skond l-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 2233/2007: Dok. 'B';

"Illi l-istess Gareth Bordieri miet qabel it-twelid tal-minuri 'Aiden' u b'hekk ma lahaqx irrikonoxxa l-istess minuri fuq l-att tat-twelid bhala l-missier naturali u ghalhekk, taht il-kolonna/i li tindika d-dettalji tal-missier tat-tarbija fuq l-att tat-twelid hemm indikat missier mhux maghruf.

"Illi din is-sitwazzjoni hija ta' pregudizzju sija ghar-rikorrenti li ghandhom l-interess legittimu bhala l-werrieta kif ukoll ghan-nom tad-*decujus* li l-minuri jigi dikjarat bhala iben missier maghruf;

"Illi ghalkemm l-intimata giet, kemm-il darba interpellata diversi drabi biex tirregolarizza s-sitwazzjoni, l-konvenuta baqghet inadempjenti.

"Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

“1. Tiddikjara li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li l-minuri ‘Aiden’ li fil-prezent ghandu l-kunjom Aquilina, huwa l-wild naturali tad-*decujus* Gareth Bordieri li kien miet tragikament qabel ma’ twieled il-minuri bl-isem ‘Aiden’ u dan anke permezz ta’ periti nominandi jew testijiet forensici u xjentifici li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun fic-cirkostanzi tal-kaz;

“2. Tordna li l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri ‘Aiden’ u b’hekk isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri billi fejn hemm miktub li l-missier tal-minuri ‘mhux maghruf’ jigi mnizzel is-segwenti dettalji li huma: Gareth Bordieri ID. 0236081(M) imwieled il-Pieta` ta’ 22 Ghaxqet l-Ghajn, Marsascala, bin Lawrence Bordieri li ghadu haj fil-kolonni rispettivi tal-att tat-twelid bin-numru ta’ iskrizzjoni 2233/2007 kif ukoll kull korrezzjoni ohra necessarja li jidhrilha din l-Onorabbli Qorti sabiex is-sitwazzjoni legali tal-minuri tigi regolarizzata.

“Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta Anne Marie Aquilina li hi ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Anne Marie Aquilina tad-29 ta’ Lulju 2008, li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

“2. Illi preliminarjament l-esponenti teccepixxi l-irritwalita` tal-kawza odjerna stante li ma jirrizulta ebda dritt fil-Ligi Maltija spettanti lill-eredi ta’ persuna li tawtorizzahom jittentaw din il-kawza ghall-filjazzjoni ta’ ulied li twieldu barra z-zwieg. Din l-azzjoni tirraprezenta dritt personali spettanti lill-missier jew lill-omm ta’ wild li jkun twieled barra miz-zwieg, u ma tistax tigi dedotta mill-eredi tal-missier jew tal-omm kif qed jittentaw l-atturi b’din il-kawza.

“3. Illi ghalhekk ghandhom fl-ewwel lok jiddikjaraw fuq liema bazi legali qed jipprocedu b’din l-istanza.

“4. Illi stante s-suespost it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez in limine.

“5. Illi ghall-istess raguni m’ghandhomx isiru ebda testijiet fuq it-tarbija Aiden Aquilina.

“6. Illi subordinatament u assolutament minghajr pregudizzju t-talbiet odjerni, m’humiex fl-ahjar interess tal-minuri kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

“7. Illi ghar-ragunijiet premessi kif ukoll ghal ragunijiet li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni l-esponenti titlob li t-talbiet dedotti permezz tar-Rikors Guramentat odjern ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

“8. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-atturi ngunti minn issa stess in subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tal-4 ta’ Awwissu 2008 li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu, il-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

“3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimat li

ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti.

“5. Sal eccezzjonijiet ohra.

“Tant ghandu x’jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.”

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, originarjament mahtura biex jirrapprezentaw lill-minuri Aiden, prezentata fil-15 ta’ Settembru 2008, li in forza taghha eccepew illi:

“Illi jidher li l-kawza ma tregix u t-talbiet ma jistghux jintlaqghu billi fl-ewwel lok jekk il-kawza qed issir skond l-Art. 86 tal-Kodici Civili ma jidhirx li l-atturi mxew kif kellu jkun mal-procedura hemm mahsuba;

“Illi fit-tieni lok, jekk l-atturi jqisu din il-kawza bhala wahda ta’ ricerka ta’ paternita`, kawza bhal din tmiss biss lill-wild innifsu – li mhux biss mhux attur izda sahansitra tharrek bhala konvenut – u dan anki kif maqtugh minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza ‘Thompson – Spiteri’ li twettqet mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta’ Ottubru 2007.”

Rat li b’digriet moghti fit-2 ta’ Dicembru 2008, mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), il-kuraturi mahtura biex jirrapprezentaw lill-minuri gew estromessi mill-kawza u fl-interess tal-minuri giet mahtura minflok l-omm, il-konvenuta Anne Marie Aquilina; l-istess konvenuta, din id-darba in rapprezentanza ta’ binha, iddikjarat li kienet qed taderixxi mal-eccezzjonijiet sollevati mill-istess kuraturi deputati;

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-26 ta’ Novembru 2009, li in forza taghha cahdet t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta Anne Marie Aquilina, u l-eccezzjonijiet sollevati mill-kuraturi deputati u abbraccjati wkoll minn Anne Marie Aquilina, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza; spejjez riservati;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Fis-succint il-fatti huma s-segwenti. Gareth Bordieri, bin l-atturi Lawrence u Mary, konjugi Bordieri, kien f’relazzjoni mal-konvenuta Anne Marie Aquilina bir-rizultat li din harget tqila minnu. Waqt it-tqala, Gareth miet tragikament fl-24 ta’ Gunju 2007; u fid-19 ta’ Lulju 2007 twieled it-tifel ‘Aiden’.

“Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-atturi qed jitlobu minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-minuri ‘Aiden’ huwa l-wild naturali tal-mejjet Gareth Bordieri.

“Min-naha taghha, il-konvenuta Anne Marie Aquilina qed teccepixxi, in linea preliminari, l-irritwalita` tal-proceduri “stante li ma jirrizulta ebda dritt fil-Ligi Maltija spettanti lill-eredi ta’ persuna li tawtorizzahom jittentaw din il-kawza ghall-filjazzjoni ta’ ulied li twieldu barra z-zwieg. Din l-azzjoni tirraprezenta dritt personali spettanti lill-missier jew lill-omm ta’ wild li jkun twieled barra z-zwieg, u ma tistax tigi dedotta mill-eredi tal-missier jew tal-omm kif qed jittentaw l-atturi b’din il-kawza.”

“Il-kuraturi deputati, filwaqt li ssottomettew li l-azzjoni ma saritx skond l-Artikolu 86 tal-Kap.16, eccepew li hija gurisprudenza kostanti ta’ dawn il-qrati li kawza ta’ ricerka ta’ paternita` tmiss biss lill-wild.

“Id-Direttur tar-Registru Pubbliku, min-naha tieghu, issottometta li l-azzjoni odjerna ghandha l-bazi legali taghha anke fl-Artikolu 149 tal-Kap.16, ukoll li l-Artikolu 86 jaghti azzjoni lil kull min ikollu interess, ukoll li huwa fl-interess tal-minuri, registrat bhala ‘bin missier mhux maghruf’, li l-paternita` tieghu tigi stabbilita, ukoll li l-atturi bhala eredi ta’ missier it-tarbija ghandhom interess guridiku u morali li jigi stabbilit jekk it-tifel huwiex it-tifel ta’ binhom Aiden.

“Illi l-materja in dizamina taqa’ fil-parametri tad-dispozizzjonijiet elenkati fis-sub titolu III intestat *“Of the*

*Filiation of Children Conceived and Born Out of Wedlock"* mill-Artikolu 86 sa l-Artikolu 100A.

"Il-Qorti tosserva li, ghall-kuntrarju ta' dak li hemm fid-dritt Taljan, il-ligi taghna hija siekta dwar minn jista' jattiva azzjoni ghar-riklam tal-paternita` jew tal-maternita`. Fid-dritt Taljan insibu per ezempju li l-azzjoni tista' tigi esperita mit-tifel imwieled barra z-zwieg jew mid-dixxendenti tieghu fiz-zmien sentejn mill-mewt tat-tifel; kif ukoll li l-genitur li ghandu l-*patria potesta`* fuq it-tifel purche` din tkun fl-interess tat-tifel u bil-kunsens tieghu jekk dan ikun ghalaq is-17-il sena[1].

"Id-duttrina Taljana in propozitu hija fis-sens li *"il diritto di fare le indagini sulla paternita` e maternita` appartiene al figlio; perrocche` trattasi di reclamo di stato, ossia di un diritto essenzjalmente e strettamente personali in quanto ha per principale fondamento un interesse morale. Tuttavia, attesi gli interessi pecuniari dipendente dalla dichiarazione di paternita' e maternita', queste possono essere ricercate eziando dagli eredi o discendenti del figlio......*[2]*"*

"Illi fil-ligi nostrana ma hemmx dispozizzjonijiet specifici li jistipulaw min jista' jisperixxi azzjoni ghar-ricerka ta' paternita` jew maternita` ta' tifel imwieled <u>barra z-zwieg</u>; izda tirregola l-pozizzjoni fil-kaz ta' rikonoxximent tat-tifel, u tghid li r-rikonoxximent jista' jsir jew mill-missier u mill-omm, jew separatament jew konguntivament ; izda fit-tieni proviso taghti d-dritt lill-<u>kull persuna nteressata</u> sabiex tipprocedi gudizzjarjament biex il-Qorti tiddikjara li l-persuna li jkun gharaf it-tifel huwa missier it-tifel[3].

"Fi kliem iehor, ghalkemm ir-rikonoxximent jista' jsir biss mill-genitur jew udituri tat-tifel, izda mill-banda l-ohra kull persuna interessata tista' tipprocedi biex totjeni dikjrazzjoni gudizzjali fis-sens li l-persuna li ghamlet ir-rikonoxximent, hija l-missier.

---

[1] Codice Civili Art.270 u 273
[2] Istituzioni di Diritto Civile Italiano – Pacifici Mazzoni 3ed. Vol.VII – para.206 – *"Della dichiarazione giudiziale della filiazione naturale."*
[3] Ma hemmx dispozizzjoni simili fid-dritt taljan.

“Fil-fehema ta’ din il-Qorti, minn dan johrog car li fil-kaz ta’ wild barra z-zwieg il-legislatur ma jidhirx li ried li jillimita l-azzjoni ta’ ricerka ta’ paternita` jew maternita` ghat-tifel jew ghad-dixxendenti tieghu, ghax *ubi lex voluti lex dixit*, u ghalhekk, fin-nuqqas ta’ dispozizzjoni espressa tali ligi li jipprojbixxi lil terzi li jaghmlu din l-azzjoni, ghandha tipprevali t-tezi tal-atturi u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens li l-azzjoni tista’ tigi esperita minn kull min juri li ghandu interess guridiku.

“Fil-kaz in dizamina l-atturi, bhala eredi tal-mejjet Gareth [liema fatt ma giex kontestat], ghandhom interess guridiku, kif fuq indikat, biex jaghmlu din l-azzjoni li wara kollox jekk tirnexxi tkun fl-interess tal-minuri li minn bin missier mhux maghruf, tigi stabbilita` l-paternita` tieghu.”

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Anne Marie Aquilina pro et noe li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

“......tirrevoka u thassar is-sentenza parzjali minnha appellata moghtija fis-26 ta’ Novembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tilqa’ t-tieni eccezzjoni taghha kif ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Kuraturi Deputati. Bl-ispejjez kontra l-appellati atturi u kontra l-appellat Direttur tar-Registru Pubbliku.”

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

“......tirrespingi u tichad l-appell imressaq mill-appellanta pro et noe u tikkonferma s-sentenza parzjali moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja fis-26 ta’ Novembru 2009 (Rik. Nru. 86/2008 NC), bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu spartiti bejn l-appellanta pro et noe u l-appellati konjugi Bordieri pro et noe bil-liberazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.”

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

“......tirrespingi u tichad l-appell imressaq mill-appellanta pro et noe u tikkonferma s-sentenza parzjali tas-26 ta’ Novembru 2009 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanta pro et noe.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta’ Mejju 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkoncerna r-registrazzjoni tat-twelid tat-tifel Aiden, li ommu, il-konvenuta Anne Marie Aquilina, rregistratu bhala iben missier mhux maghruf.  L-allegat missier it-tarbija, certu Gareth Bordieri, ma kienx mizzewweg ma’ l-omm, pero`, kien johrog maghha u anke ghamlu xi zmien jikkoabitaw.  Sfortunatament dan Gareth Bordieri miet qabel ma twieldet it-tarbija, u l-eredi tieghu, fethu din il-kawza ghax iridu li binhom Gareth Bordieri jigi registrat bhala missier it-tarbija.  Il-konvenuta, omm il-minuri, opponiet it-talba ghax qalet li skond il-ligi, tali ricerka ta’ paternita` tista’ ssir mill-missier biss, u mhux ukoll mill-eredi tieghu.

L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni wara li qieset li t-tieni proviso ghall-Artikolu 86 tal-Kodici Civili, fil-fatt jaghti dritt ta’ azzjoni lil dik il-persuna “li jkollha interess.”

Il-konvenuta Anne Marie Aquilina resqet appell u ssottomettiet li l-ewwel Qorti ghamlet qari zbaljat tal-ligi applikabbli u li ma jirrizultax, skond hi, li l-legislatur ried jaghti dritt lill-terzi jibdew huma proceduri ta’ ricerka ta’ paternita`.

Din il-Qorti ezaminat l-artikoli tal-ligi in kwistjoni u tara’ li ghandha taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuta appellanti.  It-tieni proviso ghall-Artikolu 86 ma jridx jinqara wahdu, izda flimkien ma’ bqija tal-artikolu u l-artikoli l-ohra tal-istitut tal-filjazzjoni, partikolarment l-Artikolu 87.

L-Artikolu 86 jibda biex jghid li tifel imnissel u mwieled barra z-zwieg, jista' jigi rikonoxxut "mill-missier u mill-omm", flimkien jew separatament, u ma taghti dan id-dritt lil hadd aktar. Fl-Artikolu 87, il-ligi trid li tali rikonoxximent jista' jsir biss b'zewg modi: jew fl-att ta' twelid jew b'att pubbliku. It-tieni proviso ghall-Artikolu 86 jipprovdi li d-dikjarazzjoni ta' "persuna li tghid li tkun missier it-tifel", ma tistax tigi registrata jekk, qabel xejn, min ikun interessat ma jakkwistax preventivament il-kunsens tal-omm, jew jekk mhux wara li l-omm, permezz ta' nota li tressaq wara li tigi notifikata b'ittra ufficjali indikanti l-hsieb ta' registrazzjoni, tindika li ma ssibx oggezzjoni ghar-registrazzjoni. Hu car li meta l-ligi tirreferi ghar-registrazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-persuna "li tghid li tkun missier it-tifel", qed tirreferi ghad-dikjarazzjoni li ssir b'att pubbliku *ai terminu* tal-Artikolu 87 indikat, ghax dak hu l-uniku mod previst mil-ligi kif tali dikjarazzjoni tista' ssir barra l-att tat-twelid. Skond il-ligi, hu biss b'att pubbliku li missier jista' "jaghraf" b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg, u dak it-"taghrif" jista' jigi registrat biss jekk tigi segwita l-procedura kontemplata fit-tieni proviso tal-Artikolu 86. Din l-ahhar procedura tista' tinbeda "minn persuna li jkollha interess", pero` hija dipendenti fuq dikjarazzjoni ta' paternita` maghmula mill-missier skond is-subartikolu (1) tal-Art. 87. B'hekk in-nanniet, bhala l-persuni b'interess fit-trobbija tan-neputi, jista' jkollhom interess jaghmlu l-procedura ghar-registrazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' paternita` tan-neputi, jekk, qabel xejn, binhon ikun ghamel tali dikjarazzjoni kif trid il-ligi; in-nanniet ma jistghux jibdew *ab ovo* proceduri ghad-dikjarazzjoni ta' paternita` tan-neputi, izda jistghu biss ikomplu bil-process tar-registrazzjoni wara li binhom ikun ghamel id-debita dikjarazzjoni kif trid il-ligi. F'dan il-kaz, la darba l-missier naturali ma lahaqx ghamel dikjarazzjoni tal-paternita` tieghu kif trid il-ligi, il-genituri tieghu ma jistghux huma stess jintervjenu u jibdew il-process huma. L-ewwel pass, skond il-ligi, jridu jiehduh il-genituri, u dan peress li r-rikonoxximent ta' wlied imwielda barra z-zwieg, hija ta' natura personali li tinteressa biss lill-genituri u lill-ulied, u mhux persuni ohra, anke jekk qraba. Dan hu konformi ma' dak li jghallem il-Baudry-Lacantinerie, meta

fit-“Trattato di Diritto Civile” tieghu jghid (Vol. IV Delle Persona pagna 611) li:

*“Il riconoscimento di un figlio naturale costituendo una confessione di paternita` o di maternita` non puo` emanare che dai genitori o da uno di essi, perche` si tratta di un fatto essenzialmente personale. Ne risulta specialmente che non puo` essere fatto da un ascendente del genitore, neppur quando questo fosse morto e l’ascendente pretendesse adempiere la sua ultima volonta`, ne`dagli eredi del padre or della madre.”*

Il-Kodici Civili, fis-subartikolu li jittratta fuq il-Filjazzjoni tal-Ulied Imnissla u Mwielda barra miz-Zwieg, jitkellem biss fuq il-missier u l-omm jew fuq “il-genitur”, u ma jaghtix dritt ta’ indhil lill-qraba ohra. Ovvjament, jibqa’ dejjem id-dritt <u>tat-tifel innifsu</u> li jaghmel hu ricerka tal-paternita` tieghu.

Din il-Qorti tifhem li hi trid dejjem tfittex l-interessi tat-tfal, pero`, ma tistax tmur kontra dak li tipprovdi l-ligi. Inoltre, lanqas ma jista’ jinghad li tifel <u>ghandu dejjem u f’kull kaz</u> dritt li jkun jaf min hu missieru naturali; mhux eskluz li jista’ jkun fl-interess tal-minuri li ma jkunx jaf min hu missieru naturali, u zgur li tali informazzjoni ma tistax tigi “imposta” fuqu, meta l-ligi ma tipprovdix ghal dan.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost minn Anne Marie Aquilina pro et noe billi tilqa’ l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u wara li tilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati u marbuta mal-interess tal-atturi li jressqu din il-kawza, tiddikjara l-azzjoni attrici bhala irritwali u nulla, u konsegwentement tidderigi lill-ewwel Qorti biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza. Tordna li l-atti jigu rimessi lura lill-ewwel Qorti unikament sabiex ikun hemm dikjarazzjoni simili konformi minn dik il-Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza inkluzi dawk relatati mas-smiegh fil-prim istanza, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet (jigifieri kull parti thallas l-ispejjez taghha) u dan stante n-novita` tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------